# SPAZJU AĦDAR FUQ IL-KATAKOMBI TA' SAN PAWL ISSA MIFTUĦ GĦALL-PUBBLIKU FILGĦAXIJA

**Stqarrija | 6 ta' Ottubru 2023**

L-ispazju aħdar fuq il-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat qed jinżamm miftuħ għat-tgawdija tal-pubbliku wara l-ħin tal-għeluq tal-katakombi. Kuljum sal-aħħar ta' Marzu 2024, ir-residenti u l-viżitaturi tar-Rabat jistgħu jidħlu f'dan l-ispazju bla ma jħallsu xejn bejn is-6pm u t-8pm.

Din iż-żona, mifruxa fuq aktar minn 4,500$m^2$, hija kwieta u mixgħula tajjeb. Tinkludi faċilitajiet bħal toilets, bankijiet, kif ukoll is-servizzi ta' uffiċjal tas-sigurtà. Il-viżitaturi mhumiex ristretti għall-mogħdijiet strutturati iżda jistgħu jimirħu fuq il-ħaxix fi nħawi speċifiċi f'dan il-post.

Il-Katakombi ta' San Pawl kienu jservu bħala lok għad-dfin tal-mejtin fil-perjodu Puniku, Ruman u Biżantin u jirrappreżentaw l-akbar evidenza arkeoloġika, u l-aktar waħda bikrija, tal-Kristjaneżmu f'Malta. Il-katakombi jiffurmaw kumpless tipiku ta' ċimiterji Rumani taħt l-art li jinfdu ma' xulxin u li baqgħu jintużaw sas-seklu 7, u possibbilment sas-seklu 8, wara Kristu. Jinsabu fl-inħawi ta' Ħal Bajjada, magħrufa wkoll bħala Tad-Dlam. Fil-post hemm aktar minn 30 ipoġew, li l-kumpless prinċipali tagħhom – dak ta' San Pawl – hu magħmul minn sistema ta' passaġġi u oqbra fuq medda ta' aktar minn 2000 $m^2$.

L-ispazju aħdar ta' fuq il-katakombi jkompli jsebbaħ żjara f'dan is-sit u jagħmel l-esperjenza aktar kompluta u sodisfaċenti tul il-ħinijiet tal-ftuħ tas-sit. F'kumment dwar il-ftuħ tal-ispazju aħdar wara l-ħin tal-għeluq tal-katakombi, Kenneth Gambin, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta, iddeskriva dan l-ispazju bħala lok ideali fejn wieħed jistrieħ ftit mill-istress u l-istorbju tal-ħajja ta' kuljum. B'mod simili għall-ġnien tal-komunità fuq il-Katakombi tal-Abbatija tad-Dejr, fir-Rabat ukoll, l-ispazju aħdar fuq il-Katakombi ta' San Pawl jipprovdi l-opportunità biex in-nies iħossuhom parti mill-wirt kulturali ta' pajjiżna.

Alexander Craus, is-Sindku tar-Rabat, qal hu ta' pjaċir għall-Kunsill Lokali tar-Rabat li din iż-żona bdiet tinfetaħ kuljum għall-pubbliku filgħaxija, għax se sservi bħala spazju miftuħ fiċ-ċentru tar-Rabat, f'parti li hi kollha urbana. Din iż-żona se sservi bħala spazju fejn wieħed jista' jirrilassa u jgawdi l-aspett storiku u ambjentali ta' pajjiżna.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta